# 10 RAĠUNIJIET BIEX TINGĦAQAD MAL-PATT TAS-SINDKI GĦALL-KLIMA U L-ENERĠIJA

**Lejn bliet sostenibbli, reżiljenti għat-tibdil fil-klima u vibranti**

**Viżjoni komuni għall-2050**

- Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima
- Adattament għall-effetti inevitabbli tiegħu
- Għoti ta' aċċess għal enerġija sigura, sostenibbli u affordabbli

**Impenji ambizzjużi għall-2030**

Bħala firmatarju, inti timpenja ruħek biex tiżviluppa pjan ta' azzjoni lokali u tirrapporta dwar il-progress tiegħek biex jintlaħqu żewġ għanijiet prinċipali:

- Tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ b'mill-inqas 40 % sal-2030
- Aktar reżiljenza għat-tibdil fil-klima

## 1 Ikseb rikonoxximent u viżibbiltà internazzjonali għolja

għall-azzjoni dwar il-klima u l-enerġija tal-awtorità lokali tiegħek

*> Gawdi viżibbiltà fuq livell dinji permezz tal-Patt tas-Sindki Globali għall-Klima u l-Enerġija*

*> Uri l-impenji tal-Patt tiegħek fuq il-pjattaforma tad-dejta taż-Żona tal-Atturi Mhux Statali għall-Azzjoni Klimatika (NAZCA) tan-Nazzjonijiet Uniti*

## 2 Ikkontribwixxi għall-formazzjoni tal-politika dwar il-klima u l-enerġija tal-UE

Ifforma parti minn inizjattiva prinċipali rilevanti għall-politika dwar il-klima u l-enerġija tal-UE (l-Unjoni tal-Enerġija, l-Aġenda Urbana tal-UE)

*> Aħtaf l-opportunità biex tinforma lill-ġeneraturi tad-deċiżjonijiet tal-UE, turi l-prattiki tajba tiegħek u tirċievi feedback dwar l-esperjenzi tiegħek*

## 3 Saħħaħ il-kredibilità tal-impenji tiegħek

permezz ta' rieżami u monitoraġġ tal-progress

*> Żgura li l-pjan ta' azzjoni tiegħek huwa koerenti billi tibgħatu għal evalwazzjoni minn parti terza (iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea)*

## 4 Assigura appoġġ fit-tul għall-azzjonijiet dwar il-klima u l-enerġija tiegħek

permezz tal-impenn volontarju tal-muniċipalità tiegħek għall-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki u l-approvazzjoni obbligatorja tiegħu mill-kunsill tal-belt tiegħek

*> Żgura li dan l-impenn jirċievi l-appoġġ politiku meħtieġ fil-kunsill tal-belt tiegħek u li jeżisti qafas stabbli għall-implimentazzjoni*

## 5 Tejjeb l-aċċess għall-finanzjament

għall-proġetti tal-klima u tal-enerġija lokali tiegħek

> *Ikseb aċċess għall-faċilitajiet finanzjarji li għandhom fil-mira speċifikament lill-firmatarji tal-Patt tas-Sindki - jew li huma saħansitra strettament riżervati għalihom, Bħall-Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali (ELENA) jew il-Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika (EEEF)*

> *Ibqa' informat dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE online u billi tattendi avvenimenti dwarhom*

## 7 Irċievi gwida mfassla apposta li twassal għal azzjoni dwar il-klima u l-enerġija komprensiva u maħluqa b'mod konġunt

permezz ta' Helpdesk, metodoloġiji u għodod esperti

> *Ibbenefika minn appoġġ pass pass tul l-istadji ta' valutazzjoni, ippjanar, implimentazzjoni, u monitoraġġ*

> *Skopri modi ġodda biex tinvolvi liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati lokali*

## 9 Ibbenefika minn awtovalutazzjoni u benchmarking iffaċilitati

permezz ta' formola komuni ta' monitoraġġ u rapportar

> *Uża t-tabella ta' valutazzjoni u l-għodda ta' appoġġ tal-adattament urban tal-Patt tas-Sindki biex tevalwa l-progress tal-proġetti tiegħek*

**Studji ta' Każijiet**

https://goo.gl/HBWP66

## 6 Ibbenefika mill-opportunitajiet ta' networking, skambju ta' esperjenzi, u bini tal-ħiliet

permezz ta' avvenimenti regolari, skambji ta' ġemellaġġ, webinars, jew diskussjonijiet online

> *Ingħaqad ma' komunità dinamika ta' iktar minn 7 000 awtorità lokali*

> *Żviluppa kooperazzjoni produttiva mal-pari tiegħek*

## 8 Gawdi minn aċċess faċli għall-"għarfien tal-eċċellenza"

Skambja l-informazzjoni mal-pari tiegħek fil-forums ta' diskussjoni tal-Patt tas-Sindki

> *Ispira ruħek mill-prattiki tajba u mill-istudji tal-każ*

> *Aqsam l-esperjenzi mal-pari tiegħek dwar modi kif jiġu implimentati b'suċċess il-proġetti tiegħek*

## 10 Ipparteċipa f'kooperazzjoni msaħħa mal-awtoritajiet nazzjonali u sottonazzjonali u rċievi assistenza mfassla apposta mingħandhom

permezz tal-koordinaturi u s-sostenituri tal-Patt tas-Sindki

> *Gawdi minn appoġġ kontinwu mir-reġjuni, mill-provinċji, mill-ministeri nazzjonali, u mill-aġenziji tal-enerġija*

# Kif tingħaqad?

Adotta d-dokument ta' impenn politiku fil-kunsill muniċipali tiegħek u ibgħat il-formola ta' adeżjoni debitament iffirmata lill-Uffiċċju tal-Patt tas-Sindki

**Għal aktar informazzjoni żur www.eumayors.eu**

**Patt tas-Sindki**
għall-Klima u l-Enerġija